

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

8.10.2008

0088/2008

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

skont ir-Regola 116 tar-Regoli tal-Proċedura

minn Jean Lambert, Caroline Lucas, Alejandro Cercas u Luigi Cocilovo

dwar rappreżentanti ambjentali tal-ħaddiema

Lapse date: 22.1.2009

Dikjarazzjoni bil-miktub dwar ir-rappreżentanti ambjentali tal-ħaddiema

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-Regola 116 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - A. billi, minħabba l-Istrateġija għall-Iżvilupp Sostenibbli tal-UE, il-Kunsill Ewropew (Konklużjonijiet tal-Presidenza, 8-9 ta' Marzu 2007) ikkommetta ruħu għall-miri tal-2020 tal-UE ta' tnaqqis ta' bejn 20-30% fl-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra, tnaqqis ta' 20% fil-konsum tal-enerġija, u 20% tad-domanda għall-enerġija minn sorsi rinnovabbli ta' enerġija, u l-Kummissjoni pproponiet miri għal enerġija rinnovabbli għal kull Stat Membru,
 - B. billi l-industrija għandha tilħaq il-miri ambjentali b'mod ġust, li jirrikjedi l-parteċipazzjoni attiva u l-appoġġ tal-impiegati u r-rappreżentanti ta' fuq il-post tax-xogħol,
 - C. billi t-trejdunjins idealment qegħdin hemm biex jipromwovu, jimplimentaw, u jgħinu biex jiżviluppaw l-aħjar prattiki ambjentali ta' fuq il-post tax-xogħol,
 - D. billi xi persuni li jħaddmu u trejdunjins żviluppaw politiki ambjentali ta' fuq il-post tax-xogħol, u billi r-rappreżentanti ambjentali tal-ħaddiema huma rikonoxxuti fuq ċerti postijiet tax-xogħol,
1. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jagħrfu l-importanza tat-trejdunjins u r-rappreżentanti ambjentali tal-ħaddiema fl-isfidi ambjentali li jridu jintlaħqu, partikolarmen fit-tixrid tal-Istrateġija għall-Iżvilupp Sostenibbli tal-UE u tal-objettivi ta' tibdil fil-klima u dawk ambjentali;
 2. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jaħdmu biex jiżguraw drittijiet għar-rappreżentanti ambjentali tal-ħaddiema, inkluż ħin għal taħriġ rilevanti, li jsiru reviżjonijiet ambjentali tal-post tax-xogħol u dmirijiet oħrajn;
 3. Jistieden lill-Istati Membri li jagħtu lir-rappreżentanti ambjentali tal-ħaddiema d-drittijiet li ssemmew qabel, u li jaħdmu ma' trejdunjins u persuni li jħaddmu biex jintlaħqu objettivi ambjentali bl-iktar mod ġust;
 4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President biex jibgħat din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri.